# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 317/2018 MH**

**Illum, 8 ta’ Lulju, 2020**

**Antoine Marcel Pace Asciak [KI 312045M] ghan-nom u in rapprezentenza ta’ Michael Pace detentut tal-licenza tas-sewqan Kanadiza Numru P0037-54406-90518**

**vs**

**Dr. Victor Bugeja u l-PL Quentin Tanti li b’ digriet tat-30 ta’ April 2018, gew nominati bhala kuraturi deputati ta’ l-assenti Lucienne Mc Gough [Passaport Kanadiz Nru QG171251] u Antoinette Madden [ Licenza tas-Sewqan Kanadiz Numru M0091-05464-75611]**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat Antoine Marcel Pace Asciak [KI 312045M] ghan-nom u in rapprezentenza ta’ Michael Pace detentur tal-licenza tas-sewqan Kanadiza Numru P0037-54406-90518** datat 6 ta’ April, 2018 fejn ġie premess illi;

1. *"Illi ai termini tat-testment datata 5 ta' novembru 2014 fl-atti tan-Nutar Daniela Mifsud Buhagiar, Antonio Agius istitwixxa lil uliedu Geraldine mart Anthony Camilleri, Doris mart Peter Pace, Antoinette mart Robert Madden u Lucienne mart Robert McCough eredi universali f'ishma differenti [kopja tat-testment hawn anness u mmarkat bhala* ***Dokument A****];*

2. *Illi dan huwa l-ahhar testment tal-mejjet [kopja tar-ricerki testamentarji qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dokument B u C****]*

3. *Illi ai termini tal-istess testement, il-mejjet Antonio Agius halla b'titolu ta' legat lil Michael Pace iben Doris Pace il-flat numru hamsa (5) fi Triq Sant Antnin, Tas-Sliema; [kopja tad-dikjarazzjoni causa mortis hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dokument D****]*

4. *Illi jigi rilevat illi kemm Geraldine Margaret Camilleri u Doris Pace diga emmetew lil Michael Pace fil-pussess tal-fond surriferi skont l-att Nutarili fl-atti tan-Nutar Thea Cachia datat 14 ta' Frar 2018 [kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dokument E*** *]*

5. *Illi minkejja illi l-eredi kollha ta' Antonio Agius accettaw l-eredita tal-mejjet ai termini tat-testment u minghajr l-ebda reservi jew kontestazzjoni, Antoinette Madden u Lucienne McCough rrifjutaw minghajr l-ebda raguni valida fil-ligi milli jersqu ghall-att u jimmettu lil Michael Pace fil-pussess formali tal-fond surriferit [kopja tal-emails permezz tal-liema l-eredi rrifjutaw li jersqu ghall-immissjoni fil-pussess hawn annessi u mmakati bhala* ***Dokument F****];*

6. *Illi l-intimati Antoinette Madden u Lucienne McCough huma assenti mill-gzejjer Maltin u dan billi huma jghixu il-Kanada u ghaldaqstant mal-prezenti rikors gurmentat qieghed jigi kontestwalment prezentat rikors ghal hatra ta' kuraturi;*

7. *Illi jigi dikjarat illi Antoine Marcel Pace Asciak personalment jaf bil-fatti u awtorizzat illi jistitwixxi il-prezenti procedura bis-sahha ta' prokura moghtija lilu minn Michael Pace;*

8. *Illi ghaldaqstant kellha ssir l-odjerna kawza;*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, salv kwalunkwe provvediment li jidhrilha xieraq u opportun, joghgobha;*

*1. Tiddikjara illi Michael Pace huwa legatarju tal-flat numru hamsa (5), fi Triq Sant Antnin, Tas-Sliema u dan ai termini tat-testment maghmul minn Antonio Agius datat 5 ta' Novembru 2014;*

*2. Tikkundanna lil Lucienne Mc Cough [Passaport Kanadiz Nru QG171251] u Antoinette Madden [ Licenza tas-Sewqan Kanadiz Numru M0091-05464-75611] sabiex, fi zmien qasir u perentorju kif stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, iqieghdu lil Michael Pace fil-pusess tal-legat imholli lilu skont it-testment, filwaqt li tahtar kuraturi deputati sabiex jidhru fil-eventwali ta' kontumacja taghhom fuq l-att notarili relevanti;*

*3. Tinnomina lin-Nutar Daniela Mifsud Buhagiar sabiex tircievi u tippublika l-atti notarili opportuni f'dak il-jum, hin u lok kif stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti u sabiex tigi registrata l-immissjoni fil-pussess u l-integrazzjoni fil-jeddijiet fuq mitluba*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati min issa ingunti in subizzjoni."*

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' April, 2020.[1]

Rat li minħabba lil konvenuti Lucienne McGough[2] u Antoinette Madden huma assenti minn dawn il-gzejjer, u konsegwentement ġew nominati kuraturi deputati n rappresentanza ta' l-istess.[3]

Rat ir-risposta ġuramentata[4] ta' l-istess kuraturi deputati li eċċepew illi ma kienux edotti mill-fatti ukoll li fi kwalunkwe kaz ir-rikorrenti kellhom jipprovdu l-aħħar indirizz tal-patroċinat tagħħom sabiex b'hekk l-istess kuraturi ikunu jistgħu jikkomunikaw magħħom.

Rat l-atti kollha tal-kawza

Ikkonsidrat

Illi din hija kawza b'talba għall immissjoni fil-pussess ta' legat ta' flat imsemmi fir-rikors ġuramentat. Jirrizulta mill-istess rikors illi werrieta oħra tad-defunt Antonio Agius ġia immetew fil-pussess ta' l-istess fond imsemmi lil-legatarju attur dan kif jidher mill-att ippubblikat minn Nutar Thea Cachia[5] . Pero ulied oħra tat-testatur imsemmi, il-konvenuti, oġġezzjonaw għal tali immissjoni. Kien għalhekk lli kellha ssir il-kawza. L-oggezzzjoni ta' l-intimati ġiet ben

[1] Folio 43
[2] Kuljom korret b'digriet tal-Qorti tal-11 ta' Mejju, 2018.
[3] Folio 49
[4] Folio 85
[5] Folio 13 Dok E

dokumentata fir-risposti li bagħtu meta interpellati biex jersqu għal istess immissjoni.[6]

Rat ukoll illi il-kuraturi deputati kkomunikaw tramite *email* mall-assenti konvenuti fuq id-difiza li xtaqu jressqu fir-rigward tat-talba avvanzata pero **baqgħu bla risposta.**

Semgħet ix-xhieda tan-Nutar Dr. Danielle Mifsud Buhagiar[7] li qalet li kellha oposizzjoni għal immissjoni minn tnejn mill-werieta. Mistoqsija jekk l-opponenti kienux fil-fatt aċċettaw il-wirt tad-defunt missierhom, wiegbet fl-affirmattiv.

Marcel Antoine Pace Asciak[8] in rappresentanza tal-legatarju n kawntu dana ukoll huwa assenti minn gżiritna, ukoll ikkonferma l-oggezzjoni ta' xi żijiet tiegħu li rrifjtaw jiffirmaw l-immissjoni.

Ikkonsidrat

Rat ukoll it-testment esebit li hu ċar f'dak li kienet l-intenzjoni tat-testatur dwar kif kellha tintiret u tiddevolvi l-propjeta' tiegħu.[9]

Ftit għandha xi tgħid il-Qorti fir-rigward. Irrizulta illi il-konvenuti oġġezzjonanti aċċettaw ukoll il-wirt ta' missierhom u li kienu qed juru resistenza għal din l-immissjoni bla ebda raguni valida fil-liġi.

[6] Dok F folio 25-33
[7] Folio 93.
[8] Folio 95
[9] Folio 4 Dok A

F'dan ir-rigward tara lil ġurisprudenza għandha dana xi tgħid dwar l-istitut ta' l-immissjoni fil-pussess; is-sinifikat u l-effett tiegħu;

-fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Reverendu Patri Franġisku Azzopardi noe** ***vs.*** **Maria Hilda sive Hilda Cauchi**8, intqal:

*"Sakemm ma jottjenix mingħand l-eredi (jew l-eżekutur testamentarju) ir-rilaxx tal-oġġett legat, il-legatarju ma jistax jieħu pussess ta' dak il-legat. Qabel ma jottjeni dak ir-rilaxx, il-legatarju jkun proprjetarju iżda d-dritt tiegħu ta' proprjetà jkun dritt astratt, fis-sens li ma jkollux il-jedd li jeżerċitah. Id-dritt tal-legat hu dritt ta' proprjetà, iżda jibqa' dritt inċert u suġġett għall-kontestazzjoni sakemm ma jiġix immiss fil-pussess (Laurent "Diritto Civile", Vol. XIV para. 21 et seq.)."*

Kif ingħad ma nġabet ebda kontestazzjoni valida għal dan id-dritt mħolli lil legatarju.

**Konsegwentement qegħda taqta u tiddeċidi illi:**

1. **Tilqa t-talbiet attriċi 1i u tiddikjara illi Micheal Pace huwa legatarju tal-flat numru ħamsa (5), fi Triq Sant'Antin, tas-Sliema u dan ai termini tat-testment magħmul minn Antonio Agius datat 5 ta' Novembru, 2014**

2. **Tikkundanna lil Lucienne Mc Gough [Passport Kanadiz Nru. QG171251] u Antoinette Madden (Liċenzja tas-seqan Kanadiża Numru M0091-05464-75611) sabiex fi żmien perentorju ta' xahrejn mill-lum iqiegħdu lil Micheal Pace fil-pussess tal-legat imħolli lilu skont it-testment imsemmi, u ċioe' tal-fond flat numru ħamsa (5) fi Triq Sant'Antnin Tas-Sliema, u taħtar għal dan l-iskop lid-deputati kuraturi Dr.Victor Bugeja u l-P.l. Quentin Tanti biex jidhru għall-assenti suriferiti.**

3. **Tinnomina ukoll lin-Nutar Daniela Buhagiar sabiex tgħaddi biex tirċievi u tippubblika l-att notarili opportun biex tiġi ezegwita din id-deċizzjoni u jsir l-immissjoni fil-pussess u l-integrazzjoni tal-jeddijiet stabbiliti u dana fi żmien ix-xahrejn hawn fuq msemmija.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**